

Notifika ta' dokumenti - Ungerija

[L-Artikolu 2\(1\) - Aġenziji Trażmetturi](#)

[L-Artikolu 2\(2\) - Aġenziji li jirċievu](#)

[L-Artikolu 2\(4\)\(c\) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti](#)

[L-Artikolu 2\(4\)\(d\) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I](#)

[L-Artikolu 3 - Korp ċentrali](#)

[L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti](#)

[L-Artikolu 8\(3\) u 9\(2\) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti](#)

[L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat](#)

[L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz](#)

[L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari](#)

[L-Artikolu 15 - Servizz dirett](#)

[L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidherx għall-proċeduri](#)

L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmetturi

FI-Ungerija, l-aġenzija tat-trażmissjoni

- fil-każ ta' atti ġuridiċi, tkun il-qorti li skont il-proċedura tagħha jkun ġie ġġenerat l-att li jrid jiġi nnotifikat,
- fil-każ ta' atti ġġenerati fi proċedura notarili, tkun in-nutar li skont il-proċedura tiegħu jkun ġie ġġenerat l-att, u
- fil-każ ta' atti extraġudizzjarji, tkun il-ministru inkarigat mis-sistema ġudizzjarja.

L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu

FI-Ungerija, l-aġenzija riċeventi

- tkun il-qorti distrettwali b'ġurisdizzjoni skont l-indirizz residenzjali tad-destinatarju kif indikat fit-talba għal assistenza legali (*lakc ím szerint illetékes járásbírótság*) u f'Budapest, il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest (*Pesti Központi Kerületi Bíróság*) u
- l-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Marixxalli tal-Qorti.

L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti

L-aġenzija riċeventi taċċetta dokumenti bil-posta, bil-faks jew elettronikament.

L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I

Ungeriż, Ġermaniż, Inġliż, Franċiż.

L-Artikolu 3 - Korp ċentrali

FI-Ungerija, il-kompiti tal-entità ċentrali jitwettqu mill-ministru inkarigat mis-sistema ġudizzjarja.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja (*Igazságügyi Minisztérium*)

Id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat (*Nemzetközi Magánjogi Főosztálya*)

Indirizz: Kossuth Lajos tér 2-4., H-1055 Budapest

Indirizz: Pf. 2., 1357 Budapest

Tel.: +36 1 795 5397, 1 795 3188

Faks: +36 1 795 0463

Email: nmfo@im.gov.hu

Lingwi: Ungeriż, Ġermaniż, Inġliż u Franċiż.

L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti

Barra l-Ungeriż, huma aċċettati wkoll il-Ġermaniż, l-Inġliż u l-Franċiż.

L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti

Mhux applikabbli fl-Ungerija.

L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat

Barra l-Ungeriż, huma aċċettati wkoll il-Ġermaniż, l-Inġliż u l-Franċiż.

L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz

In-notifika tad-dokumenti mill-qorti hija bla ħlas.

It-tariffa għan-notifika minn marixxall tal-qorti hija ta' HUF 7 500. Din trid titħallas bil-quddiem permezz ta' trasferiment bankarju fil-kont ta' hawn taft, u l-konferma tat-trasferiment trid tinhemeż mal-applikazzjoni.

- Detentur tal-kont: L-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Marixxalli tal-Qorti
- Bank: Budapest Bank Nyrt.
- SWIFT (BIC) kód: BUDAHUHB
- IBAN: HU46 10103173-09701100-02004000
- Fil-kaxxa biex tħalli messaġġ, jekk jogħġbok ikteb: *KU2-numru ta' referenza tat-talba, isem id-destinatarju.*

L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari

In-notifika skont l-Artikolu 13 hija applikabbli biss fl-Ungerija jekk id-destinatarju jkun ċittadin tal-Istat Membru trażmettitur.

L-Artikolu 15 - Servizz dirett

In-notifika skont l-Artikolu 15 tar-Regolament isseħħ fl-Ungerija f'konformità mal-leġiżlazzjoni li tirregola n-notifika mill-marixxalli tal-qorti.

L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidherx għall-proċeduri

F'xi każijiet bħal dawn, il-qrati tal-Ungerija jistgħu joħroġu verdett, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 19(2).

Fl-Ungerija, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' rikors skont l-Artikolu 19(4) huwa ta' sena.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 29/05/2019